MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2012

Citazzjoni Numru. 867/2003

**Charles Camilleri f'isem l-assenti Maria Clarkson**

***Versus***

**Avukat Martin Fenech u Prokuratriċi Legali Hilda Ellul Mercer b'dikriet tas-17 ta' Settembru 2003 maħtura kuraturi deputati biex jidhru għall-assenti Joseph Falzon u Carmelo Falzon, dan tal-aħħar bħala werriet tal-mejjet John Falzon; b'dikriet tas-26 ta' Mejju 2009 il-kawża tkompliet fil-persuna ta' Rose Marie u Joanna aħwa Falzon bħala werrieta ta' Joseph Falzon li miet waqt li kienet miexja l-kawża; Joseph Falzon u Maria Dolores miżżewġa Muscat, werrieta tal-mejjet John Falzon; Saviour, Joseph, Emanuel, Carmela miżżewġa Ellul, Michael u John Mary lkoll aħwa Camilleri bħala werrieta ta' ommhom il-mejta Maria Concetta Camilleri xebba Falzon**

1. Din hija *actio familiæ erciscundæ.* L-attriċi fissret illi b'kuntratt tad-19 ta' Novembru 1972 fl-atti tan-Nutar

Joseph Spiteri hija nħatret werrieta universali ta' missierha Michael Angelo Falzon, li miet fit-13 ta' Diċembru 1974. Carmela Falzon xebba Cassar, mart Michael Angelo Falzon, kienet mietet fid-19 ta' Marzu 1938, u kienu wirtuha s-sitt uliedha li huma l-attriċi, John (li miet fis-17 ta' April 1969), Maria Concetta miżżewġa Camilleri (li mietet fit-30 ta' Diċembru 1999), Carmelo, Joseph u Emanuel aħwa Falzon.

2. B'sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-4 ta' Ottubru 1995 fil-kawża fl-ismijiet Avukat Leslie Grech *nomine versus* Joseph Falzon *et* ġie dikjarat illi l-assi ereditarju ta' Michael Angelo Falzon huwa magħmul mill-fondi bin-numru 10, 12 u 14 fi Triq il-Pont, il-Mosta. Michael Angelo Falzon kien kiseb sehem wieħed minn sitta ($^{1}/6$) ta' dawn il-fondi[1] b'titolu ta' permuta bis-saħħa ta' kuntratt pubblikat fl-atti tan-Nutar Giovanni Chetcuti fis-7 ta' Lulju 1929, meta kien miżżewweġ lil Carmela Falzon *née* Cassar. Għalhekk Carmela Falzon kellha sehem minn tnax ($^{1}/12$)[2] waqt illi Michael Angelo Falzon kellu ħdax-il sehem minn tnax ($^{11}/12$). Dan is-sehem minn tnax ($^{1}/12$) huwa kull ma hemm fl-assi ereditarju ta' Carmela Falzon.

3. L-attriċi (wara li wirtet lil missierha) kisbet ukoll is-sehem ta' ħuha Emanuel b'kuntratt tas-27 ta' Marzu 2002 fl-atti tan-Nutar Pierre Falzon, u s-sehem ta' ħuha Carmelo b'kuntratt tas-26 ta' Settembru 2001 fl-atti tan-Nutar Pierre Falzon.

4. Billi issa trid illi jsir il-qsim tal-proprjetà, l-attriċi fetħet din il-kawża u qiegħda titlob illi l-qorti:

i. tgħid illi l-assi ereditarju ta' Carmela Falzon huwa sehem wieħed minn tnax ($^{1}/12$) mill-fondi bin-numru 10, 12 u 14 fi Triq il-Pont, il-Mosta;

ii. tordna l-qsim ta' dawk il-fondi skond is-sehem li kull parti għandha fil-proprjetà; u

iii. jekk il-qsim *in natura* ma jistax isir, torda l-bejgħ b'liċitazzjoni, wara li jinħatar perit, b'dan illi l-prezz jinqasam skond is-sehem li kull parti għandha fil-proprjetà.

5. Qiegħda titlob ukoll l-ispejjeż.

---

1 Il-bqija tal-ishma kienu beni parafernali tiegħu.

2 *i.e.* nofs is-sehem minn sitta ($^{1}/6$) tal-komunjoni.

6. Il-kuraturi li dehru għall-konvenuti assenti Joseph Falzon u Carmelo Falzon wieġbu li ma jafux il-fatti tal-każ.
7. Il-konvenut Joseph Falzon u Maria Dolores Muscat (ulied John Falzon) ressqu dawn l-eċċezzjonijiet:
i. l-attriċi ma għandhiex interess ġuridiku biex tmexxi din l-azzjoni għax b'kuntratt tat-2 ta' April 2004 fl-atti tan-Nutar Pierre Falzon hija bigħet kull sehem u interess li kellha fil-proprjetajiet imsemmija;
ii. bla preġudizzju, huma jaqblu illi Michael Angelo Falzon kellu ħdax-il sehem minn tnax ($^{11}/12$) u Carmela Falzon kellha sehem wieħed minn tnax ($^{1}/12$) mill-fondi msemmija, iżda l-attriċi trid tagħmel il-prova illi dawn il-beni biss hemm fl-assi ereditarju ta' Carmela Falzon;
iii. huma flimkien ma' ħuhom il-konvenut Carmelo Falzon għandhom bejniethom sehem missierhom John Falzon mill-wirt ta' Carmela Falzon; u
iv. il-fondi bin-numru 10 u 14 fi Triq il-Pont, il-Mosta, li huma garaxxijiet, ilhom 'il fuq minn tletin sena mikrija lill-eċċipjent Joseph Falzon għal skopijiet kummerċjali.
8. Il-konvenuti l-oħra ma ressqux eċċezzjonijiet.
9. Ma huwiex kontestat illi Michael Angelo Falzon, il-missier, kellu ħdax-il sehem minn tnax ($^{11}/12$) mill-proprjetajiet imsemmija fir-rikors maħluf. Dawn wirtithom l-attriċi. Is-sehem l-ieħor minn tnax ($^{1}/12$) li kien ta' Carmela Falzon, l-omm, intiret mis-sitt ulied, fosthom l-attriċi, f'ishma ndaqs. L-attriċi għalhekk kisbet sehem ieħor minn tnejn u sebgħin ($^{1}/6 \times {}^{1}/12 = {}^{1}/72$). B'kuntratt tas-26 ta' Settembru 2001 fl-atti tan-Nutar Pierre Falzon l-attriċi kisbet ukoll is-sehem wieħed minn tnejn u sebgħin ($^{1}/72$) li kien wiret mingħand l-omm ħuha Carmelo, u b'kuntratt ieħor tas-27 ta' Marzu 2002 fl-atti tan-Nutar Pierre Falzon kisbet is-sehem wieħed minn tnejn u sebgħin ($^{1}/72$) li kien wiret mingħand l-omm ħuha Emanuel.
10. B'kuntratt tat-2 ta' April 2004 fl-atti tan-Nutar Pierre Falzon, kif imbagħad mibdul b'kuntratt ieħor tal-11 ta' Novembru 2005 ukoll fl-atti tan-Nutar Pierre Falzon, l-attriċi bigħet is-sehem li wirtet mingħand missierha u l-ishma li kisbet mingħand ħutha Carmelo u Emanuel – b'kollox sbatax-il sehem minn tmintax ($^{11}/12 + {}^{1}/72 + {}^{1}/72$

= $^{17}/18$) – lill-konvenut John Mary Camilleri, iben Maria Concetta Camilleri, waħda mis-sitt aħwa u żammet is-sehem wieħed minn tnejn u sebgħin ($^{1}/72$) li wirtet mingħand ommha biex hekk għad għandha sehem fil-proprjetà u għadha leġittimata biex tkompli l-kawża, kontra dak li tgħid l-ewwel eċċezzjoni.

11. L-ishma li kiseb il-konvenut John Mary Camilleri jiżdiedu mas-sehem li kien wiret mingħand ommu Maria Concetta Camilleri. Din bħala waħda mis-sitt ulied li kellha Carmela Falzon wirtet sehem wieħed minn tnejn u sebgħin ($^{1}/72$). Kellha sitt ulied, fosthom il-konvenut John Mary Camilleri, u għalhekk kull wild wiret sehem wieħed minn erba' mija u tnejn u tletin ($^{1}/6 \times {}^{1}/72 = {}^{1}/432$). Mela l-konvenut John Mary Camilleri llum għandu erba' mija u disa' ishma minn erba' mija u tnejn u tletin ($^{17}/18 \times {}^{1}/432 = {}^{409}/432$). Ħutu l-konvenuti Saviour, Joseph, Emanuel, Carmela miżżewġa Ellul u Michael aħwa Camilleri bħala werrieta ta' ommhom Maria Concetta Camilleri għandhom sehem wieħed minn erba' mija u tnejn u tletin ($^{1}/432$) kull wieħed u waħda.

12. Sehem ieħor minn tnejn u sebgħin ($^{1}/72$) huwa tal-konvenut Joseph Falzon iben Michael Angelo u Carmela Falzon, u l-aħħar sehem minn tnejn u sebgħin ($^{1}/72$) huwa ta' ħuh John Falzon, illum mejjet u wirtuh uliedu Joseph Falzon, Maria Dolores Muscat u Carmelo Falzon, li għalhekk għandhom sehem wieħed minn mitejn u sittax ($^{1}/216$) kull wieħed u waħda. Joseph Falzon bin John illum huwa mejjet u wirtuh uliedu Rose Marie Falzon u Joanna Falzon fis-sehem ta' wieħed minn erba' mija u tnejn u tletin ($^{1}/432$) kull waħda.

13. Mela l-ishma jinqasmu hekk:

- l-attriċi Maria Clarkson: sehem wieħed minn tnejn u sebgħin ($^{1}/72$);
- il-konvenut John Mary Camilleri: erba' mija u disa' ishma minn erba' mija u tnejn u tletin ($^{409}/432$)
- il-konvenuti Saviour, Joseph, Emanuel, Carmela miżżewġa Ellul u Michael aħwa Camilleri: sehem wieħed minn erba' mija u tnejn u tletin ($^{1}/432$) kull wieħed u waħda;
- il-konvenut Joseph Falzon: sehem wieħed minn tnejn u sebgħin ($^{1}/72$); u

- il-konvenuti Carmelo Falzon u Maria Dolores Muscat: sehem wieħed minn mitejn u sittax ($^{1}/216$) kull wieħed u waħda; u
- il-konvenuti Rose Marie Falzon u Joanna Falzon: sehem wieħed minn erba' mija u tnejn u tletin ($^{1}/432$) kull waħda.

14. Ma huwiex kontestat illi l-fondi bin-numru 10 u 14 fi Triq il-Pont, il-Mosta kienu mikrija għal skopijiet kummerċjali lill-konvenut Joseph Falzon, iben John[3]. Joseph Falzon illum huwa mejjet u ma nġiebet ebda prova dwar jekk in-negozju komplewhx uliedu.

15. Billi l-fondi ma jistgħux jinqasmu skond l-ishma tal-partijiet ikollhom jinbigħu b'liċitazzjoni, skond l-istima mħejjija mill-Perit Arkitett Alan Saliba[4].

16. Il-qorti għalhekk wara li tadotta l-istima mħejjija mill-Perit Saliba tordna l-bejgħ b'liċitazzjoni tal-fondi bin-numru 10, 12 u 14 fi Triq il-Pont, il-Mosta u tordna illi r-rikavat, wara li jitnaqqsu l-ispejjeż, jinqasam bejn il-partijiet skond l-ishma li jissemmew fil-paragrafu 13 ta' din is-sentenza. L-ispejjeż ġudizzjarji jinqasmu bejn il-partijiet skond is-sehem tagħhom fil-proprjetà.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

3 Ara l-verbal tas-seduta tas-6 ta' Diċembru 2005, *fol.* 106.

4 *Foll.* 161 *et seqq.*